MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 1870/2006/1

**Concetta Abela**
**vs**
**Pauline Vella Moran**

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta ta’ l-intimata;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda illi gew prodotti;

Semghet lill-Avukati jitrattaw;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti qeghda titlob lill-Qorti sabiex tohrog mandat ta' inibizzjoni sabiex l-intimata titwaqqaf milli tkompli taghmel xogholijiet strutturali fil-blokk ta' appartamenti bin-numru ufficjali 84 bl-isem Marconjos, Pretty Bay, B'Bugia. Ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi l-blokk ta' appartamenti ghadu indiviz bejnietha u bejn hutha, kif ukoll mal-intimata u ippruvat illi x-xogholijiet in kwistjoni qeghdin jigu imwettqa minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni taghha.

Illi fir-risposta taghha l-intimata, inter alia, issottomettiet illi dawn ix-xogholijiet tlestew kollha kif gie certifikat mill-Perit Martin Xuereb skond certifikat minnu mahrug fit-3 ta' Jannar 2007, li kopja tieghu giet annessa ma l-istess risposta taghha;

Illi irrizulta pero' mill-provi u mill-istess xiehda ta' l-intimata illi x-xogholijiet in kwistjoni ghandhom jitkomplew fil-futur u dana fis-sens illi ser tigi kostruwita washroom f'dan l-imsemmi blokk ta' appartamenti fi Pretty Bay B'Bugia;

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-Mandat. Is-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 873 ighid illi l-Qorti ma ghandhiex tohrog tali Mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu il-jeddijiet tar-rikorrent u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Illi ghalhekk huma tlieta il-kweziti mehtiega sabiex ikun jista jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni u li l-ewwel kwezit huwa dak illi l-intimat ikun ser jaghmel xi haga li tista tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-Mandat. Dan il-kwezit gie sodisfatt peress illi l-istess intimata xehdet bil-gurament illi bi hsiebha tikkostruwixxi “washroom” fuq il-blokk ta' appartamenti in kwistjoni;

Illi t-tieni kwezit huwa dak illi l-Qorti trid tkun sodisfatta illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-

rikorrenti. Ghalhekk f'dan il-kaz irid jigi ippruvat illi r-rikorrenti ghandha jeddijiet x'jitharsu. Illi effettivament irrizulta mill-provi illi r-rikorrenti hija komproprjetarja flimkien ma ommha u ma hutha tal-imsemmi blokk ta' appartamenti, li jinsab f'B'Bugia u ghalhekk irrizulta illi ghandha d-drittijiet taghha illi ghandhom jigu imharsa;

Illi t-tielet punt illi irid jirrizulta a sodisfazzjon tal-Qorti huwa illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat l-Artikolu 493 tal-Kap. 16 li jghid kif gej : "Ebda komproprjetarju ma jista jaghmel tibdil fil-haga in komun minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' gid ghal kullhadd."

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta minghajr l-ebda ombra ta' dubju illi r-rikorrenti mhijiex taghti l-kunsens taghha ghal dan it-tibdil fil-proprjeta in komun. Ghaldaqstant il-Qorti tara li l-kweziti kollha mitluba mill-Ligi sabiex jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni jinsabu sodisfatti, u dan dejjem sal-grad tal-prima facie. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------